MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Rikors Numru. 884/2005

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1209/05 fl-ismijiet:**

**Il-perit arkitett u inginier civili Joseph Sultana**

**vs**

**Ronald Gaerty**

Rat ir-rikors ippresentat minn Ronald Gaerty fit-22 ta' Settembru, 2005, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta illi:

1. Fil-11 ta' Awissu, 2005, hu gie notifikat bil-mandat ta' sekwestru surriferit mahrug kontrih mill-Perit Joseph Sultana.

2. Dan il-mandat inhareg sussegwenti ghal decizjoni tal-Qorti ta' Appell fil-kawza fl-ismijiet **Perit Arkitett u**

**Inginjier Civili Joseph Sultana vs Ronald Gaerty (1754/97)** u skond it-taxxa li kopja taghha, u ta’ l-ittra mibghuta mill-intimat, qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A. Is-sentenza kienet tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut esponenti, u *cioe’* dik tal-preskrizzjoni *a tenur* ta’ l-Art. 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok B). Ghalhekk id-decizjoni kienet tirrigwarda punt ta’ natura purament legali. L-atti gew rimessi quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex tkompli tisma’ il-kaz fil-mertu tieghu, liema kawza tinsab differita ghad-19 ta’ Jannar, 2006 (1754/97TM). Fuq l-istess mertu hemm kawza ohra fl-ismijiet **Ronald Gaerty vs Gold Circle Developments et (1554/98TM)** differita wkoll ghad-19 ta’ Jannar, 2006, u dan billi z-zewg kazi qed jinstemghu flimkien.

3. Ftit qabel id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell, **l-intimat Perit Joseph Sultana stess** pprezenta rikors (Rik. Nru. 886/04NC) (Dok. C) fejn talab ir-revoka ta’ taxxa mahruga relattiva ghall-kawza li kienet qed tinstema’ quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (**Perit Joseph Sultana vs Ronald Gaerty, Citazz. Nru. 1754/97JM**). Dik it-taxxa hija identika ghat-taxxa mertu tar-rikors odjern, hlief, naturalment, iz-zieda tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji relattivi ghall-proceduri quddiem il-Qorti ta’ l-Appell. Is-smiegh ta’ dak ir-rikors jinsab differit ghal-25 ta’ Ottubru, 2005.

4. Din it-taxxa (Dok. A) ma nharget fuq l-ebda valur u ma setghetx tohrog fuq valur ghal zewg ragunijiet, u *cioe’*: (i) is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell kienet tirrigwarda punt legali (preskrizzjoni ta’ l-azzjoni) u l-istess Qorti ta’ l-Appell rrimettiet l-atti quddiem il-Prim’Awla, u (ii) l-ammont rikjest mill-attur fic-citazzjoni hu *da liquidarsi* u naturalment il-kawza kienet ghada ma waslitx f’dak l-istadju. Dwar l-ewwel raguni, it-taxxa ma tistax tigi finalizzata billi l-mertu proprju tal-kawza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell ghadu soggett ghad-decizjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk ir-Registratur ma ghandux *locus standi* f’dawk il-proceduri billi ma jkunx ghadu espleta l-obbligi tieghu skond il-ligi u fi kwalunkwe kaz, ir-Registratur ikun dejjem marbut ma kull direttiva li tista’ taghti l-istess Qorti.

*Inoltre*, kif premess, l-eccezzjoni decisa kienet tirrigwarda punt purament legali.

Dwar it-tieni raguni, kif iddikjara l-istess intimat fir-rikors tieghi surriferit (Dok. C):

*"Illi mill-faccata tac-citazzjoni jidher car u manifest li l-kawza ma gietx intaxxata fil-principju taghha skond il-valur attribwit mir-registratur fit-taxxa … billi fiz-zmien tal-prezentata taghha c-citazzjoni giet intaxxata bhal wahda merament dikjaratorja u ghalhekk thallas dritt ta' Registru ta' hamsa u tletin Lira u hamsin centezmu (Lm35.50)".*

*A skans* ta' ripetizzjoni, l-esponenti jaghmel riferenza ghal dan ir-rikors li pprezenta l-intimat odjern.

5. *Inoltre*, hija haga tal-meravilja kif, it-taxxa *in kwistjoni*, tinkludi drittijiet u spejjez legali konnessi mal-kawza Citazzjoni Numru 1754/97TM li ghada qed tinstema quddiem il-Prim'Awla!

6. Jidher car li din it-taxxa hija zbaljata u nulla u ghalhekk, permezz ta' rikors ipprezentat fid-19 ta' Awissu, 2005 (Dok. D), l-esponenti talab lill-Qorti sabiex: (1) tiddikjara nulla, irritwali u inattendibbli t-taxxa rilaxxjata mill-Intimat Registratur tal-Qorti u d-Direttur Generali tal-Qorti datata 11 ta' Awissu, 2005, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Sultana vs Ronald Gaerty (1754/97); u (2) tordna lill-istess intimat Registratur tal-Qorti u d-Direttur Generali tal-Qrati biex jaghmel u johrog taxxa gdida, fejn tigi limitata biss ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, fuq bazi ta' punt ta' ligi, dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, minghajr drittijiet *ad valorem*.

7. L-animu tal-intimat Sultana johrog car daqs il-kristall meta wiehed jezamina r-rikors li pprezenta hu stess sabiex it-taxxa (li issa qed jinvoka) tigi ddikjarata nulla. L-intimat stess jiddikjara illi:

*"B'hekk it-taxxa ma tista' tigi qatt ikkalkolata skond il-metodu uzat mir-Registratur, illi evidentement ikkalkola*

*taxxa fuq il-valur illi l-istess Registratur stabbilixxa bl-aktar mod arbitriju (sic)"* (para. 2a).

Fl-istess rikors, l-intimat Sultana jissottometti illi:

*"l-azzjoni attrici hija wahda da liquidare u l-valur attribwibbli ghall-pretensjoni attrici la hu stabbilit u lanqas ma jista' jigi stabbilit skond il-ligi jew mill-atti processwali; u ghalhekk ir-Registratur kellu japplika d-dispozizzjonijiet tar-regoli rilevanti tat-tariffi kontenuti fl-iskeda A, u jintaxxa d-dritt fuq cirkostanzi fejn il-valur jibqa' mhux cert u mhux likwidu"* (para.2b).

*"… l-istess Registratur evidentement ma hax konjizzjoni tat-tieni talba attrici, fejn ir-rikorrent qieghed effettivament jitlob kundanna ta'* ***nofs dik is-somma*** *illi taghha qed tintalab il-likwidazzjoni mill-Qorti"*.

Minkejja li dawn id-dikjarazzjonijiet saru mill-intimat f'rikors minnu mahluf, xorta wahda talab il-hrug tal-mandat mertu ta' dan ir-rikors.

Ghalhekk, skond it-termini ta' l-Art. 283.A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar ghal kollox il-mandat ta' sekwestru numru 1209/05 surriferit.

Rat ir-risposta mressqa mill-perit arkitett u inginier civili Joseph Sultana fejn issottometta li, ghar-ragunijiet minnu esposti, ma jezistux ragunijiet validi fil-ligi sabiex jigi revokat il-mandat ta' sekwestru numru 1209/05;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat ukoll il-proceduri l-ohra bejn l-istess partijiet, indikati fl-atti, u *cioe'*, ir-rikors numru 886/04/NC u dak bin-numru 772/05/JRM, li t-tnejn ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta;

Semghet lid-difensur tar-rikorrenti;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bejn il-partijiet hemm kawza, citazzjoni numru 1754/97, li ghada pendenti quddiem din il-Qorti. Fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, kienet inghatat decisjoni fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u l-materja kienet ittiehdet ukoll quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell li dderimiet il-kwistjoni b'sentenza li tat fl-1 ta' April, 2005.

Wara dik id-decisjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-attur f'dawk il-proceduri, il-perit arkitett u inginier civili Joseph Sultana, talab u inghata mir-Registratur tal-Qorti taxxa tal-ispejjes u drittijiet dovuti *in konnessjoni* ma' dik id-decisjoni (u dana peress li l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet ordnat li l-ispejjes *in konnessjoni* ma dik id-decisjoni kellhom jithallsu mill-konvenut, ir-rikorrent odjern).

Hekk kif ir-rikorrent gie infurmat bit-taxxa u intalab ihallas l-ammont hemm indikat (Lm4,726.76 + VAT), huwa ikkontestha b'rikors numru 772/05 li huwa ressaq fid-19 ta' Awissu, 2005. *Nonostante* li r-rikorrent ikkontesta t-taxxa, l-intimat odjern talab u ottjena l-hrug ta' u zamm fis-sehh il-mandat ta' sekwestru esekuttiv indikat bin-numru 1209/05.

Ir-rikorrent qed jitlob li jithassar dan il-mandat *ai termini* tal-artikolu 283A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qieset li, skond l-artikolu 253(c) tal-Kap. 12, taxxi ufficcjali mahruga mir-Registratur tal-Qorti, huma titolu ezekuttiv, sakemm, *pero'*, *"ma jkunx gew attakkati skond il-ligi"*. Id-dritt li persuna tikkontesta taxxa ufficcjali johrog mill-artikolu 556 tal-istess Kap. 12, li jaghti fakulta' lid-debitur li jattakka taxxa fi zmien xahar min-notifika lilu tat-taxxa. Ir-rikorrent debitur, fil-fatt, ipprevalixxa ruhu minn din l-opportunita' u b'rikors ippresentat fid-19 ta' Awissu, 2005, attakka it-taxxa *in kwistjoni*.

La darba t-taxxa qed tigi kontestata, dik it-taxxa m'ghandhiex il-kwalita' ta' titolu ezekuttiv, u ma tistax

isservi bhala bazi ta’ mandat ezekuttiv. *Kwindi*, it-talba tar-rikorrenti timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u thassar ghall-kollox il-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 1209/05 fl-ismijiet fuq riferiti.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------